

16.11.2023

A9-0319/520

Emenda 520

Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel
f' isem il-Grupp ECR

Rapport

A9-0319/2023

Frédérique Ries

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **42 xahar** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ għandu jiġi mmarkat b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni materjali tiegħu. Dan l-obbligu ma japplikax għall-imballaġġ għat-trasport. Madankollu, dan japplika għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku.

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **5 snin** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ għandu jiġi mmarkat b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni materjali tiegħu. Dan l-obbligu ma japplikax **għall-imballaġġ kopert b'sistema ta' rifiżjoni tad-depożitu u** għall-imballaġġ għat-trasport. Madankollu, dan japplika għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/521

Emenda 521

Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel
f' isem il-Grupp ECR

Rapport

Frédérique Ries

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

A9-0319/2023

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **48 xahar** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ għandu jkollu tikketta dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ **u l-kodiċi QR** jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ inkluż id-disponibbiltà tas-sistema għall-użu mill-ġdid u tal-punti tal-ġbir, **u dan jiffaċilita t-traċċar tal-imballaġġ u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet**. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża għandu jiġi identifikat b'mod ċar u distint mill-imballaġġ li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ.

Emenda

2. **2.** Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **5 snin** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ **li jista' jerġa' jintuża** għandu jkollu tikketta dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ **jew kodiċi QR** jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ inkluż id-disponibbiltà tas-sistema għall-użu mill-ġdid u tal-punti tal-ġbir. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża għandu jiġi identifikat b'mod ċar u distint mill-imballaġġ li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/522

Emenda 522

Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel
f' isem il-Grupp ECR

Rapport

A9-0319/2023

Frédérique Ries

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. L-imballaġġ imqiegħed fis-suq qabel id-dati msemmija fil-paragrafi 1, 2, 5 u 6 jista' jiġi kkummerċjalizzat sa tmiem il-ħajja tiegħu.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/523

Emenda 523

Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel
f' isem il-Grupp ECR

Rapport

A9-0319/2023

Frédérique Ries

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fin-nuqqas ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli u l-metodoloġija tal-kalkolu dettaljati fir-rigward tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 26 addottati sal-31 ta' Diċembru 2025, il-miri stabbiliti fl-Artikolu 26 għandhom jiġu sospiżi sakemm il-Kummissjoni tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni. Dawk il-miri għandhom japplikaw 5 snin mid-data tal-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sena bejn id-determinazzjoni tal-metodu ta' kalkolu u l-ewwel data fil-mira (2030) mhijiex biżżejjed biex tippermetti lill-kumpaniji jippjanaw bil-quddiem u jiksbu l-għarfien meħtieġ dwar fejn u kif jidderieġu l-investimenti f'soluzzjonijiet li jistgħu jerġgħu jintużaw. Ir-regolament għandu jinkludi klawżola li tipprovdi biżżejjed żmien biex ikun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni sekondarja adottata u biex jintlaħqu l-miri. Minħabba l-ammont sinifikanti ta' leġiżlazzjoni sekondarja, ir-regolament għandu jipprovdi mill-inqas ħames snin bejn l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni u l-iskadenza biex jintlaħqu l-għanijiet.

16.11.2023

A9-0319/524

Emenda 524
Anna Zalewska
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Frédérique Ries
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

A9-0319/2023

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5 a. 5a. Mill-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskart mill-imballaġġ li ma jinġabarx separatament jiġi separat qabel l-operazzjonijiet ta' rimi jew ta' rkupru tal-enerġija biex jitneħħa l-imballaġġ iddisinjat għar-riċiklaġġ.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/525

Emenda 525

Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel
f' isem il-Grupp ECR

Rapport

A9-0319/2023

Frédérique Ries

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9a. Is-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu diġà operattivi meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-paragrafu 9.

Or. en